MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 106/2010

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Camilleri Trevor (ID 205473M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Frar 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elf tliet mija u sitta u disghin Euro u sitt centezmi (€1,396.06) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2010, meta gew upprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tliet mija u sitta u disghin Euro u sitt centezmi (€1,396.06) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------